**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum 29 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Guramentat numru 13/2011**

**Grace Pisani f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha Salvina mart Frank Hodson; u Francis Gatt**

**-vs-**

**Frances Susan Gatt mart Lorry Gatt u l-istess Lorry Gatt f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsefrin Jacqueline Cloke, Sharon Gatt, u Martin Gatt, ulied il-mejjet Nazzareno Gatt, Fortunato Gatt u b'digriet tal-1 ta' Gunju 2011 l-Avukat Dr Philip Manduca gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsefrin Fortunato Gatt, Jacqueline Cloke, Sharon Gatt u Martin Gatt; u Mary Farrugia, Catherine Cefai, Carmelo Gatt u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2011 l-Avukat Dr Joseph Grech gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsefrin Otus, Michael, Joe, Petra lkoll ahwa Gatt, ulied il-mejjet Joseph Gatt.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Guramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap 12 ta' Grace Pisani pro et noe u ta' Francis Gatt fejn esponew u gie kkonfermat bil-gurament:

Illi Paola Gatt, bint Salvatore Vassallo u Loreta nee' Cauchi, mietet fit-tnejn (2) ta' April elfejn u tmienja (2008), u rregolat il-wirt taghha b'zewg testmenti, wiehed unica charta li ghamlet flimkien ma' zewgha Francesco Gatt fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tal-ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u tnejn

(2002), u iehor li ghamlet wahedha fl-atti tal-istess Nutar Paul G. Pisani tal-ghaxra (10) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004);

Illi zewgha Francesco Gatt, bin il-mejtin Fortunato Gatt u Katerina nee' Sultana, miet fil-15 ta' Ottubru 2008, u rregola l-wirt tieghu b'testment li ghamel wahdu fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru elfejn u erbgha (2004);

Illi Paola Gatt bit-testment taghha tal-10 ta' Mejju 2004, fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani filwaqt li hassret ir-raba' artikolu tat-testment precedenti taghha, halliet b'titolu ta' legat favur il-konvenuta Frances Susan Gatt, mart il-konvenut l-iehor Loreto Gatt, sehmha mil-lok ta' djar numru tlieta (3), b'bieb iehor bla numru, fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex inkluza wkoll parti diviza mill-art annessa mal-istess lok ta' djar, kif muri kollox fuq il-pjanta li tinsab annessa mat-testment tal-20 ta' Gunju 2002, fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani, u markata A, inkluz ukoll f'dan il-legat l-oggetti mobbli kollha kontenuti fl-immobbli legat *a liminie intus*, kollox inkluz u xejn eskluz, liema legat it-testatrici ddikjarat li kienet qeghdha thallieh biex b'xi mod tikkumpensa lil-legatarja tad-diversi servigi, kuri u assistenzi li allegatament gew rezi mil-legatarja u mill-familja taghha lit-testatrici;

Illi ghall-kumplament tal-gid taghha, it-testatrici nnominat lit-tmien uliedha, kollha partijiet f'din il-kawza bhala eredi universali taghha fi kwoti ta' decima (1/10) parti kull wiehed, lit-tfal ta' binha l-mejjet Nazzareno Gatt fil-kwota ta' decima parti (1/10) bejniethom, u lit-tfal ta' binha iehor mejjet Joseph Gatt fil-kwota ta' decima parti (1/10) bejniethom ukoll;

Illi r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom Paola Gatt b'dikjarazzjoni li huma ghamlu fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja tat-tnax (12) ta' Awwissu elfejn u disgha (2009), u tal-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u disgha (2009), b'dana li zammew ferm id-dritt taghhom ghas-sehem riservat fuq il-wirt taghha;

Illi l-konvenuti kollha ad eccezzjoni tal-konvenuta Frances Susan Gatt, huma lkoll eredi tal-mejta Paola Gatt;

Illi bil-legat li t-testatrici halliet lill-konvenuta Frances Susan Gatt tad-dar f'Ghajnsielem u mill-art annessa maghha, hi qabzet is-sehem li hi setghet tiddisponi minnu skont il-ligi, u dan sar biex jiddefrawda u bi pregudizzju serju tad-drittijiet tar-rikorrenti ghas-sehem riservat li ghandhom jedd ghalih skont il-ligi fuq il-wirt ta' ommhom Paola Gatt;

Illi r-rikorrenti jafu li r-raguni moghtija mit-testatrici fit-Tielet Artikolu tat-tieni testment taghha l-ghaliex hi kienet qed thalli dan il-legat lil Frances Susan Gatt m'ghandhiex mis-sewwa billi Frances Susan Gatt ma rrendiet ebda servigi lit-testatrici, u fi kwalunkwe kaz anke jekk gew rezi xi servigi lit-testatrici dawn ma kienux ta' entita' tali li jekwivalu ghall-valur tal-legat li gie mholli lill-imsemmija Frances Susan Gatt mit-testatrici, u hemm lok ghall-annullament tal-legat remuneratorju jekk jirrizulta li ma gew rezi ebda servigi jew tnaqqis ta' dan il-legat b'mod li jirrifletti l-valur reali tas-servigi li jista' jirrizulta li gew rezi mil-legatarja lit-testatrici, u l-bqija jigi komputat fil-massa ereditarja ghall-fini tal-likwidaazzjoni tas-sehem riservat li ghandhom dritt ghalih ir-rikorrenti skont il-ligi;

Illi r-rikorrenti jridu li jigi likwidat u jiehdu s-sehem riservat li ghandhom jedd ghalih skont il-ligi fuq il-beni ta' ommhom Paola Gatt, u dan prevja r-riduzzjoni tal-legat imholli lill-konvenuta Frances Susan Gatt;

Illi r-rikorrenti rrinunzjaw ukoll ghall-wirt ta' missierhom Franceso Gatt b'dikjarazzjoni li huma ghamlu fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja tat-tnax (12) ta' Awwissu elfejn u disgha (2009), u tal-ewwel (1) ta' Settembru elfejn u disgha (2009), b'riserva ghad-dritt taghhom li jitolbu s-sehem riservat skont il-ligi minghand l-eredi l-ohra tieghu, u inoltre r-rikorrenti Grace Pisani u Frances Gatt zammew ferm ukoll id-dritt taghhom ghall-prelegat imholli lilhom it-tnejn flimkien minn missierhom bit-Tieni Artikolu tat-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro tas-26 ta' Novembru 2004;

Illi r-rikorrenti Grace Pisani u Francis Gatt iridu minghand l-eredi tal-mejjet Franceso Gatt li jigu mmessi fil-pussess tal-prelegat lilhom imholli minn missierhom, filwaqt li r-rikorrenti kollha jridu li tigi likwidata u assenjata lilhom il-legittima fuq il-wirt ta' missierhom Francesco Gatt;

Illi l-konvenuti kollha ad eccezzjoni tal-konvenuti Otus, Michael, Joe u Petra, irrinunzjaw ghall-wirt ta' Francesco Gatt, b'dikjarazzjoni li huma ghamlu fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010), ghalkemm ir-rikorrenti qeghdin jikkontestaw din ir-rinunzja jekk hijiex wahda valida u jekk dawn il-konvenuti tilfux il-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt fit-termini tal-Artikolu 869 tal-Kodici Civili;

Talbu li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li bil-legat li gie mholli minn Paola Gatt lill-konvenuta Frances Susan Gatt permezz tat-Tielet Artikolu tat-testment taghha fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tal-10 ta' Mejju 2004, dan jaqbez is-sehem li t-testatrici setghet tiddisponi minnu skont il-ligi, liema legat rimuneratorju mhuwiex misthoqq lil-legatarja fl-intier tieghu billi l-valur tal-legat ma jirriflettix, anzi jissupera bil-bosta l-valur tas-servigi li gew jew setghu gew rezi mil-legatarja lit-testatrici, u dan sar bi pregudizzju tad-drittijiet tar-rikorrenti ghas-sehem riservat li ghandhom jedd ghalih skont il-ligi fuq il-wirt ta' l-istess ommhom Paola Gatt;

2. Tiddikjara ghalhekk li hemm lok ghar-riduzzjoni ta' dan il-legat, u konsegwentement tirriduci dan il-legat imholli lill-konvenuta Frances Susan Gatt b'mod li jirrifletti l-entitia' u l-valur reali tas-servigi li jirrizultaw li gew rezi effettivament lil Paola Gatt;

3. Tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-atturi skont il-ligi fuq il-beni u sustanzi l-ohra kollha tal-mejta Paola Gatt kemm dawk fiz-zmien tal-mewt taghha, kif ukoll dawk il-beni li jirrizulta li l-mejta tat b'donazzjoni jew b'titolu gratuitu iehor matul hajjitha;

4. Tikkundanna lill-konvenuti kollha ad eccezzjoni tal-konvenuta Frances Susan Gatt, sabiex jassenjaw lir-rikorrenti l-porzjon riservata hekk likwidata, u jekk hemm bzonn tordna li dan isir permezz ta' kuntratt pubbliku li ghal dan il-fini tiffissa wkoll il-gurnata, hin u lok

ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv u tinnomina Nutar Pubbliku ghall-istess fini, u tinnomina kuratur deputat sabiex jidher fuq il-kuntratt ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti jew ta' xi hadd minnhom;

5. Tiddikjara li dawk il-konvenuti meta rrinunzjaw ghall-wirt ta' Francesco Gatt bin-nota li pprezentaw fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja tad-29 ta' Ottubru 2009, kienu tilfu l-jedd tar-rinunzja ghal dak il-wirt ai termini tal-Artikolu 869 tal-Kodici Civili;

6. Konsegwentement tiddikjara nulla u bla effett in-nota ta' rinunzja relattiva minnhom ipprezentata fid-29 ta' Ottubru 2009;

7. Tordna lill-eredi tal-mejjet Francesco Gatt jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-prelegat imholli mill-mejjet Francesco Gatt lill-istess rikorrenti Grace Pisani u Francis Gatt permezz tat-Tieni Artikolu tat-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro tas-26 ta' Novembru 2004;

8. Tikkundanna lill-eredi tal-mejjet Francesco Gatt jidhru fuq l-att opportun ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat imholli lir-rikorrenti Grace Pisani u Francis Gatt, u tinnomina lill-istess Nutar pubbliku ghal dan il-fini li ghandu jsir ukoll fl-istess gurnata, hin u lok ghall-finijiet ta' dak li qed jintalab fir-raba' talba, u tinnomina kuratur deputat sabiex jidher fuq il-kuntratt ghall-eventwali kontumaci;

9. Tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-atturi skont il-ligi fuq il-beni u sustanzi l-ohra kollha tal-mejjet Francesco Gatt kemm dawk fiz-zmien tal-mewt tieghu, kif ukoll dawk il-beni li jirrizulta li l-mejjet ta b'donazzjoni jew b'titolu gratuitu iehor matul hajtu;

10. Tikkundanna lill-eredi ta' Francesco Gatt sabiex jassenjaw lir-rikorrenti l-porzjon riservata hekk likwidata, u jekk hemm bzonn tordna li dan isir permezz ta' kuntratt pubbliku li ghal dan il-fini tiffissa wkoll il-gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv

u tinnomina lin-Nutar ghall-istess fini u tinnomina kuratur deputat sabiex jidher fuq il-kuntratt ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom skont il-kaz.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharkin.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Frances Susan Gatt, Lorry Gatt f'ismu proprju u ghan-nom ta' l-imsiefra Mary Farrugia; ta' Catherine Cefai u ta' Carmelo Gatt fejn esponew u Loreto sive Lorry Gatt ikkonferma:

1. Illi fl-ewwel lok l-isem tal-konvenut Lorry Gatt ghandu jigi kkoregut b'mod illi jigi jaqra Loreto sive Lorry Gatt;

2. Illi l-konvenut Loreto sive Lorry Gatt m'ghadux jirrapprezenta l-interessi ta' Fortunato Gatt u ta' l-imsiefra Jacqueline Cloke, Sharon Gatt u Martin Gatt ghalhekk l-atti fir-rigward ta' dawn l-assenti Gatt iridu jigu regolarizzati.

3. Illi dwar l-ewwel zewg talbiet ta' citazzjoni ma huwiex moghti l-jedd lil din l-Onorabbli Qorti illi b'xi mod tvarja l-legat imholli lil Frances Susan Gatt b'mod illi tissostitwixxi r-rieda tat-testataur sakemm din hija konformi mal-ligi. F'dan is-sens ghalhekk it-tieni talba attrici ma tistax tintlaqa' ghaliex taht l-ebda cirkustanza ma jista' l-legat imholli lil Frances Susan Gatt jigi mnaqqas ghal "valur reali tas-servigi li jirrizultaw li gew rezi". Huwa fatt rikonoxxut mill-gurispurdenza illi legat remonuratorju mholli lill-familjari huwa meqjus li fih element ta' liberalita' u kwindi l-atturi ma ghandhom l-ebda dritt illi jitolbu illi dak il-legat jigi mnaqqas ghall-valur tas-servigi rezi. Id-decuius kellha kull dritt thallas kemm joghgobha ghas-servigi illi gew rezi lilha u li hemm salv id-dritt ghas-sehem riservat, izda jekk hu dovut dan huwa l-uniku dritt li jistghu jivvantaw l-atturi.

4. Illi l-esponenti ma jidhrilhomx illi hemm lok illi jigi mnaqqas il-legat imholli lil Frances Susan Gatt sabiex jigi sodisfatt id-dritt tas-sehem

riservat u ta' l-atturi peress illi fil-beni tad-decuius fadal assi bizzejjed sabiex jaghmlu tajjeb ghal din it-talba kemm-il darba dan is-sehem riservat huwa dovut.

5. Illi dwar it-tielet u r-raba talba, l-esponenti jecepixxu illi l-atturi m'ghandhom l-ebda dritt illi jitolbu s-sehem riservat stante illi qabel ir-rinunzja illi huma ghamlu mill-wirt ta' Pawla Gatt, huma kienu diga' ghamlu atti di erede fit-termini tal-ligi.

6. Illi dwar il-hames u s-sitt talbiet attrici, l-esponenti ma jaqblux ma' l-atturi u ma huwiex minnu illi legalment huma tilfu d-dritt illi jirrinunzjaw ghall-eredita' ta' Francesco Gatt. Fil-fatt huma qatt ma ghamlu atti di erede.

7. Illi dwar is-seba' u t-tmien talbiet dan f'dan l-istadju l-eccipjenti ma humiex disposti illi jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess ta' l-imsemmi prelegat imholli minn Francesco Gatt lil Grace Pisani u Frances Gatt permezz tat-tieni artiklu tat-testment tieghu tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) peress illi hemm lok illi dan il-legat jigi mnaqqas ai termini ta' l-artikolu sitt mija u sebgha u erbghin (647) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigu sodisfatti d-drttijiet ta' sehem riservat li l-konvenuti odjerni qeghdin jirreklamaw f'kawza ohra fl-ismijiet inversi pendenti quddiem din l-istess Qorti u li ggib in-numru 100/2010.

8. Illi dwar id-disa' (9) u l-ghaxar (10) talbiet, l-esponenti jecepixxu illi fl-ewwel lok huma ma ghandhomx interess ghaliex huma ma accettawx l-eredita' u qeghdin ukoll jitolbu l-legittima ossia s-sehem riservat mill-eredita' ta' Francesco Gatt. Izda subordinarjament ghal dan irrelevaw illi l-atturi ghamlu atti di erede fuq il-wirt ta' Francesco Gatt u ghalhekk ma ghandhomx dritt illi jibdlu l-vesti taghhom minn dak ta' eredi ghal dak ta' legittimarji.

9. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Loreto sive Lorry Gatt illi ghandu l-konoxxenza vera u proprja tal-fatti in eccezzjoni u tal-bqija tal-fatti kollha li wasslu ghal din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti:

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstemgha kontestwalment ma' kawza bin-numru 100/2010 BS.

Rat ukoll li din il-kawza giet iddifferita diversi drabi minhabba l-possibilita' ta' tranzazzjoni bejn il-partijiet.

Rat ix-xhieda u l-atti kollha.

Rat illi l-kawza giet differita ghas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2021, izda wara rikors kongunt da parti tal-partijiet kollha s-smigh tal-kawza gie rikjamat ghas-seduta tas-27 ta' Novembru, 2020.

Rat li fis-27 ta' Ottubru, 2020, il-partijiet kollha permezz ta' rikors infurmaw lill-Qorti li kienu waslu ghal ftehim u ghalhekk qablu li jirrinunzjaw u jcedu t-talbiet taghhom. Huma qablu wkoll li tintalab sentenza dwar it-talba ta' l-atturi sabiex Grace Pisani u Francis Gatt jigu mmessi fil-pussess tal-legat ta' nofs indiviz tal-fond li jgib numru 3, Triq Borg Gharib, Ghajnsielem li kien mholli lilhom b'legat minn Francesco Gatt.

Rat ukoll li fl-istess seduta giet ipprezentata nota minn Philip Pisani li permezz taghha ddikjara li qed jassumi l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali ta' l-attur Fortunato Gatt. Giet ipprezentata wkoll prokura.

Rat li l-atturi seduta stante pprezentaw nota ta' permezz taghha cedew l-ewwel, it-tieni u t-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitta, id-disa' u l-ghaxar talbiet, izda zammew ferm it-talbiet numru sebgha u tmienja.

Rat ukoll li fl-istess seduta l-atturi pprezentaaw rikors fejn talbu lill-Qorti sabiex tawtorizza zieda fis-seba' talba. Il-konvenuti ma opponewx din it-talba.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar, 2021.

**Ikkunsidrat.**

**Fatti.**

L-atturi jghidu li omm il-partijiet fil-kawza, Paola Gatt, bint Salvatore Vassallo u Loreta nee' Cauchi, mietet fit-2 ta' April ,2008. Hija ghamlet zewg testmenti, wiehed unica charta ma' zewgha Francesco Gatt fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani li jgib id-data 20 ta' Gunju 2002, u testment iehor li ghamlet wahedha fl-atti tal-istess nutar fl-ghaxra 10 ta' Mejju, 2004.

Missier il-partijiet, Francesco Gatt, miet fil-15 ta' Ottubru 2008. Minbarra t-testment unica charta huwa wkoll ghamel testament wahdu, fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro fis- 26 ta' Novembru, 2004.

Jirrizulta li Paola Gatt bit-testment taghha tal-10 ta' Mejju 2004, hassret ir-raba' artikolu tat-testment precedenti taghha u halliet legat favur il-konvenuta Frances Susan Gatt, mart il-konvenut l-iehor Loreto Gatt. Dan il-legat kien sehem it-testatrici mil-lok ta' djar numru tlieta (3), b'bieb iehor bla numru, fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex. Jinkludi wkoll parti diviza mill-art annessa mal-istess lok ta' djar u dan kif jirrizulta mill-pjanta annessa mat-testment tal-20 ta' Gunju 2002. F'dan il-legat hemm ukoll inkluz l-oggetti mobbli kollha kontenuti fil-fond *a liminie intus*, kollox inkluz u xejn eskluz. It-testatirci ddikjarat li kienet qeghdha thalli dan il-legat biex b'xi mod tikkumpensa lil-legatarja tad-diversi servigi, kuri u assistenzi li allegatament gew rezi mil-legatarja u mill-familja taghha lit-testatrici.

It-testatrici mbghad innominat lit-tmien uliedha, kollha partijiet f'din il-kawza bhala eredi universali taghha fi kwoti ta' decima (1/10) parti kull wiehed, lit-tfal ta' binha l-mejjet Nazzareno Gatt fil-kwota ta' decima parti (1/10) bejniethom, u lit-tfal ta' binha iehor mejjet Joseph Gatt fil-kwota ta' decima parti (1/10) bejniethom ukoll;

Jirrizulta li l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom Paola Gatt[1] pero' zammew ferm id-dritt taghhom ghas-sehem riservat fuq il-wirt taghha.

[1] A fol 19 u 20 tal-process

Jirrizulta wkoll li l-konvenuti kollha minbarra l-konvenuta Frances Susan Gatt, huma lkoll eredi tal-mejta Paola Gatt;

L-atturi jsostnu li bil-legat li t-testatrici halliet lill-konvenuta Frances Susan Gatt tad-dar f'Ghajnsielem u mill-art annessa maghha, hi qabzet is-sehem li hi setghet tiddisponi minnu skont il-ligi. Jisqhu li dan ghamlitu bi pregudizzju ghad-dritt taghhom ghas-sehem riservat fuq il-wirt ta' ommhom. Ikomplu jghidu li huma jafu ben tajjeb illi r-raguni moghtija mit-testatrici fit-Tielet Artikolu tat-tieni testment taghha m'ghandhiex mis-sewwa u dana stante li Frances Susan Gatt ma rrendiet ebda servigi lit-testatrici. Jghidu wkoll li anke jekk irrendiet xi servigi dawn ma kienux ta' l-entita li jekwivalu l-valur tal-legat imholli lilha.

L-atturi jinsistu li jekk jirrizulta li ebda servigi ma gew rezi allura dan jikkomporta n-nullita' tal-legati. Jekk mill-banda l-ohra jirrizulta li l-konvenuta Frances Susan Gatt irrendiet servigi izda li tali servigi kienu ta' valur anqas mill-valur tal-legat, allura d-differenza ghandha tigi komputata fil-massa ereditarja sabiex jigi kkalkulat is-sehem rizervat li qed jippretendu huma.

L-atturi jghidu wkoll li huma rrinunzjaw ukoll ghall-wirt ta' missierhom Franceso Gatt b'dikjarazzjoni li huma ghamlu fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja. Pero' hawnhekk ukoll zammew ferm id-dritt li jitolbu s-sehem riservat skont il-ligi minghand l-eredi l-ohra tieghu. Barra minn hekk Grace Pisani u Frances Gatt zammew ferm ukoll id-dritt taghhom ghall-prelegat imholli lilhom it-tnejn flimkien minn missierhom bit-Tieni Artikolu tat-testment tieghu tas-26 ta' Novembru 2004.

Filwaqt li l-atturi Grace Pisani u Francis Gatt qed jippretendu li jigu mmessi fil-pussess tal-prelegat lilhom imholli minn missierhom, l-atturi kollha imbaghad iridu wkoll li tigi likwidata u assenjata lilhom is-sehem rizervat mil-wirt ta' missierhom Francesco Gatt.

L-atturi jghidu wkoll li ghalkemm il-konvenuti kollha ad eccezzjoni tal-konvenuti Otus, Michael, Joe u Petra, irrinunzjaw ghall-wirt ta' Francesco Gatt, b'dikjarazzjoni li huma ghamlu fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja tad-29 ta' Ottubru, 2010, huma jikkontendu li din

ir-rinunzja jekk hijiex wahda valida u ai temini tal-Artikolu 869 tal-Kodici Civili.

Minn naha l-ohra il-konvenuti jilqghu ghal pretensjonijiet tal-atturi billi jikkontendu li l-ewwelnett il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tvarja legat imholli minn testatur u ghalhekk it-talba ta' l-atturi f'dak is-sens ma tistax tigi milqugha.

Jghidu wkoll li legat remonuratorju bhal dak in kwistjoni ghandu fih element ta' liberalita' u ghalhekk ma hemmx lok ghal tnaqqis. Barra minn hekk jikkontendu li hemm assi bizzejjed sabiex jigi sodisfatt is-sehem rizervat u ghalhekk ebda tnaqqis ma hu mehtieg. Jishqu li t-testatrici kellha kull dritt taghti l-valur li jidrilha ghall-kura li nghatat. Ikomplu li l-uniku dritt li ghandhom l-atturi huwa ghas-sehem rizervat u xejn aktar.

Skont il-konvenuti wkoll, l-atturi ma jistghux jivvantaw il-pretensjoni ghas-sehem rizervat u dan billi huma ghamlu atti ta' eredi qabel ma rrinunzjaw ghall-eredita', u dan bil-kuntrarju taghhom ghax huma qatt ma agixxew ta' eredi.

Rigward l-immissjoni fil-pussess pretiz mill-atturi l-konvenuti jghidu li ma jridux jaghmlu dan u dan minhabba li tezisti l-possibilita' li dan il-prelegat jigi mnaqqas rizultat tal-pretensjonijiet vantati mill-konvenuti li huma atturi fil-kawza bejn l-istess partijiet f'ismijiet inversi li ggib in-numru 100/2010.

Mill-atti jirrizulta wkoll li l-atturi pprezentaw nota ta' cessjoni[2] fejn permezz taghha ddikjaraw illi qed icedu l-ewwel, it-tieni u t-tielet, r-raba, il-hames, is-sitta, id-disa' u l-ghaxar talbiet, izda zammew ferm it-talbiet numru sebgha u tmienja. In vista ta' dan il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet.

Fis-27 ta' Novembru, 2020, l-atturi pprezentaw rikors[3] fejn talbu lill-Qorti tawtorizza zieda mas-seba' talba taghhom. Din iz-zieda hija:

---

[2] A fol 171 tal-process

[3] A fol

" u cioe'

(i) is-sehem kollu spettanti lil Francis Gatt mil-lok ta' djar bin-numru tlieta (3) fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex, bl-ambjenti kollha taghha u bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha taghha, u bil-pussess vakanti, inkluz sehem Francis Gatt mill-bitha kif separata mill-porzjon raba' ta' quddiemha u nkluz ukoll sehem Francis Gatt mit-tliet garaxxijiet li huma accessibbli minn tarag mid-dar imsemmija u li ghandhom il-faccata taghhom ghat-trejqa maghrufa bhala tal-Qedus u li tizbokka fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex, bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi kollha taghhom liberi u franki u bil-pussess vakant; u

(ii) is-sehem ta Francis Gatt u cioe' d-drittijiet kollha personali u reali spettanti lill-istess Francis Gatt fuq il-porzjon art li tinsab fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex, liema porzjon art tmiss ezatt mar-residenza li kellu Francis Gatt deskritta fuq, konfinanti l-istess porzjon art mill-majjistral mal-bitha formanti parti mid-dar tar-residenza deskritta, nofsinhar mat-triq, lvant mad-dar fuq imsemmija u mill-punent mat-trejqa msemmija."

Jirrizulta wkoll li l-konvenuti ma opponewx din iz-zieda u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba.

Il-Qorti tinnota li fir-rikors tas-27 ta Ottubru, 2020, il-partijiet kollha ddikjaraw li qed jaqblu li jcedu t-talbiet taghhom ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem rizervat. Qablu wkoll li l-Qorti tghaddi sabiex taghti sentenza fuq dawk it-talbiet li jirrigwardaw l-immissjoni fil-pussess sabiex imbaghad il-partijiet ikunu jistghu jbieghu l-fond fl-intier tieghu. Dan ifisser li jezisti qbil bejn il-partijiet rigward it-talba ta' l-immissjoni tal-pussess u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' s-seba' u t-tmien talbiet ta' l-atturi.

**Decide.**

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitta, id-disa' u l-ghaxar talbiet ser taqta' u tiddecidi l-bqija tat-talbiet billi:

**Tilqa' s-seba' talba** biz-zieda awtorizzata fis-27 ta' Novembru, 2020;

**Tilqa' t-tmien talba** u tordna lill-eredi tal-mejjet Francesco Gatt sabiex jidhru fuq l-att ta' l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat imholli lil Grace Pisani u Francis Gatt, u tinnomina lin-Nutar Enzo Dimech sabiex sabiex jippubblika l-att relattiv fis-sbatax (17) ta Frar, 2021, fil-Qorti ta Ghawdex fit-15:00. Tinnomina Dr Joseph Grech bhala kuratur deputat bis-soliti fakoltajiet sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet kollha ugwalment.**

**(ft.) Dr. Brigitte Sultana**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**